**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**LAQGĦA KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL LI SARET NHAR IL-ĦAMIS 9 TA' DIĊEMBRU 2010 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| **M.A** | **MARYANNE ABELA** | **VIĊI CHAIRPERSON** |
| **W.F.** | **WALLACE FARRUGIA** | **MEMBRU** |
| **A.C.** | **ALEX CHETCUTI** | **MEMBRU** |

**SKUŻAT:**

| | | |
|---|---|---|
| **F.S.** | **FRANK SALT** | **CHAIRPERSON** |
| **A.P.** | **ANNA PARIS** | **MEMBRU** |

**APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-minuti tas-Seduta numru 4 ġew approvati.

**PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

1. M.A. staqsiet jekk saritx il-laqgħa dwar il-junction ta' Triq il-Prekursur. Il-Kumitat informa li din il-laqgħa ma saritx għaldaqstant ġie deċiż li din issir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2011 fit-8.30a.m.. Ghal din il-laqgha importanti li jkun preżenti il-Perit tal-Kunsill. Il-Laqgħa ser issir fuq il-post.

**HUGH ZAMMIT**
**EXECUTIVE SECRETARY**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**

2. M.A. staqsiet jekk waslitx xi risposta mill-MEPA dwar il-protest mill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' garaxxijiet fil-lokalita' ta' Ghargħur. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta.

3. Is-Segretarju Eżek. informa li c-chairperson huwa ferm iddiżżappuntat li d-dipartiment tal-Gvern Lokali irrifjuta li xi fondi minn dawk allokati jintużaw għall-website tal-Madliena. Il-website hi ħafna importanti għar-residenti peress li jkunhom informazzjoni ta' x' qed issir mill-Kumitat. M.A ssuġġeriet li tista ssir link mill-website tal-Kunsill għall-Kumitat Amminsitrattiv tal-Madliena.

4. Il-Kumitat iddiskuta dwar il-biċċa art ta' fuq ta' Triq tal-Mielaħ li tagħti taċċess għal Triq il-Madliena. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li tinkiteb ittra lit-Transport Malta din il-parti tat-Triq tiġi espropriata.

**RAPPORTI MILL-MEMBRI**

1. M.A infurmat li għad ma ġietx depositata l-applikazzjoni ERDF peress li għad ma saritx id-devoluzzjoni tal-Forti Madliena. Hi infurmat ukoll li għadha qed tagħmel kuntatti mad-dipartiment ikkonċernat pero' dalwaqt ser issir appuntament mall-Forzi Armati li fil-preżent qed jokkupaw il-post.

2. W,F. informa li qed ikun involut fil-proġett tat-Triq tal-Madliena. Hu informa li x-xogħlijiet kollha mixja b' ritmu tajjeb. Diġa lesta Phase 1 u 2. Ix-xogħlijiet bdews ukoll fuq Phase 3.

3. W.F. staqsa jekk waslitx si risposta mingħand Curmi Estate dwar l-ittra li inkitbet fuq il-periklu ta' ħajt ta' Ġnien fi Triq il-Madliena quddiem Villa Remigio. Is-Segretarju Eżek. informa li għad ma waslitx risposta. W.F. ssuġġerixxa li din il-materja għandha tiġi rrapurtata lill-Pulizija.

Il-laqgħa spiċċat fis 6.30p.m. Sar aggornament għal nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **CHAIRPERSON** |